Kamra tad-Deputati
Mgħoddija mill-Ispeaker

748

Lill-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet, il-Parlament ta' Malta.

*(07/08/2023)*

**Introduzzjoni għall-Petizzjoni:**

L-Onorevoli Ian Mario Vassallo MP, jikteb f'isem ir-residenti hawn taħt iffirmati li '*Irridu konsultazzjoni pubblika bejn ir-residenti tal-Imġarr u l-awtoritajiet konċernati biex niddiskutu sistema aħjar ta' 'traffic management' fi Triq Sir Temi Zammit l-Imġarr, Malta'* biex titressaq talba quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet.

**Il-Fatti li jwasslu għal din il-Petizzjoni:**

It-'traffic management' ġdid li sar fi Triq Sir Temi Zammit, mingħajr ebda konsultazzjoni bejn ir-residenti, il-Kunsill Lokali u l-entitajiet responsabbli, liema proġett qed iservi bħala entratura u ħruġ għal-lokalita' tal-Imġarr, qed jwassal għal inkonvenjent lir-residenti u l-pubbliku, minħabba kju ta' traffiku esaġerat li qed jifforma għal ħinijiet twal ta' kuljum. Għandu għalhekk jsiru immedjatament studji/proposti ta' x'jista' jsir mingħajr ma tonqos s-sigurta ta' min juza' it-toroq, u mingħajr teħid bla bżonn ta' ambjent naturali jew art agrikola biex jkollna 'traffic flow' u 'traffic management' aħjar.

**Azzjoni:**

Qed nitolbu lil awtoritajiet konċernati biex jagħmlu konsultazzjoni pubblika mar-residenti tal-Imġarr, il-Kunsill Lokali u l-awtoritajiet konċernati biex niddiskutu sistema aħjar ta' traffic management fi Triq Sir Temi Zammit l-Imġarr, Malta. Għandu jiġi diskussi immedjatament proposti għal sistema ta' imaniġġjar tat-traffiku aħjar u xi studji li saru jew qed isiru. Nitolbu ukoll li immedjatament isir studju ta' dak li qed iseħħ bħalissa.

L-Onorevoli Ian Mario Vassallo, MP

Firmatarji għall-petizzjoni (*Irridu konsultazzjoni pubblika bejn ir-residenti tal-Imġarr u l-awtoritajiet konċernati biex niddiskutu sistema aħjar ta' traffic management fi Triq Sir Temi Zammit l-Imġarr, Malta)*:

| Isem u Kunjom | Numru tal-ID | Indirizz | Firma |
|---|---|---|---|